# IT-TIELET PARTI —

# QORTI TAL-KUMMERĊ

**8 ta' Jannar, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

Michael J. Batty

*versus*

Salvatore Bezzina

**Impediment tas-Safar Kontra Persuna — Revoka — Mandat Vessatorju u Malizzjuż.**

*Huwa prinċipju ta' proċedura li d-domanda trid tkun bażata fuq kawżali u li dina l-kawżali hija l-unika, fil-Qorti Superjur, li tista' tittieħed n konsiderazzjoni fl-eżami tad-domanda.*

*Mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabbilità tal-kreditur stess u hija l-fehma ta' dan li għandha tiġi mħarsa dwar dak li jidhirlu jifforma kawtela sufficjenti tal-kreditur tiegħu, purchè raġjonevoli.*

Il-Qorti, rat -att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut fis-sebgħa (7) ta' Jannar, 1964 ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' Impediment tas-Safar kontra persuna kontra *tiegħu (Nru. 7/64)* in *kawtela* ta' *kreditu* pretiż ta' mitejn u ħamsin lira (£250); u illi l-konvenut jinsab ampjament kawtelat fil-pretensjoni tiegħu, b'mod illi l-ħruġ tal-mandat adjern huwa vessatorju u malizzjuż, billi ġia għandu f'idejh bħala garanzija permezz ta' Mandat tal-impediment tas-safar ta' *bastiment (Nru. 225/63)* maħruġ minn din *il-Qorti* fl-għaxra (10) ta' Mejju, 1963, il-Yacht tal-attur "P & S" ta' valur ta' għall-anqas għaxar darbiet il-pretensjoni tal-konve-

nut, talab li — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa — prevja occorrendo d-dikjarazzjoni li l-imsemmi mandat tal-impediment tas-safar kontra l-persuna numru 7 tal-1964 huwa vessatorju u/jew malizzjuż, dan il-mandat jiġi revokat. Bl-ispejjeż u b'riserva ta' kull azzjoni għad-danni kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li l-attur ma jistax jinsisti għar-revoka tal-mandat ta' impediment ta' safar maħruġ kontra tiegħu in kwantu l-impediment ta' safar kontra l-bastiment skada u ma ġġeddidx aktar minn Ottubru, 1963;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jitlob li l-Qorti tirrevoka l-mandat ta' impediment ta safar maħruġ kontra tiegħu fis-sebgħa (7) ta' dana x-xahar, li huwa ta' natura kawtelatorja u in konnessjoni ma kawża ġa ntrodotta quddiem dina l-Qorti mill-konvenut ta' llum kontra tiegħu għaliex, skond ma jgħid hu, dina l-pretensjoni tal-konvenut fil-kawża l-oħra tinsab kawtelata bil-mandat l-ieħor ta' impediment ta' safar tal-bastiment ġia msemmi, li jġib in-numru 225 tas-sena 1963, u hekk, dejjem skond l-attur, il-ħruġ tal-mandat odjern huwa vessatorju u malizzjuż;

Illi huwa prinċipju ta' proċedura li d-domanda trid tkun bażata fuq kawżali u li dina l-kawżali hija l-unika, fil-Qorti Superjuri, li tista' tittieħed in konsiderazzjoni fl-eżami tad-domanda. Issa kif ġa ntqal l-attur qed jibbaża l-istanza tiegħu fuq il-fatt li l-konvenut ġa kien ottjena kawtela suffiċjenti bil-mandat preċedenti li bih kien inżamm il-bastiment hemm imsemmi bħala "Ponds"; dana l-fatt però llum mhux eżatt billi daka l-mandat ma baqax jiġi iżjed prorogat wara l-proroga

dekretata fis-sebgħa (7) ta' Ottubru, 1963 meta l-effetti tal-mandat ġew imtawla sal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru, 1963; hu xieraq ukoll li jiġi osservat f'dana l-kontest li l-bastiment proprietà ta' l-attur odjern jinsab dikjarat li jismu "P & S" fiċ-ċitazzjoni tiegħu u hekk ukoll hu rriferixxa għalih fix-xhieda tiegħu b'mod li verament ma jistax jingħad li l-mandat preċedenti kien jolqot il-bastiment li hu tiegħu billi l-esekuzzjoni tiegħu saret, skond ir-riferita, bil-konsenja tal-kopja tal-mandat li-Superintendent tal-Portijiet u lid-debitur (l-attur odjern) kif rappreżentat minn kuraturi "di ufficio" u skond l-artiklu 859 (1) Proċedura Ċivili kien il-bastiment "P & S" li ma kienux jingħataw il-karti tat-tluq mis-Superintendent tal-Portijiet;

Illi mill-permess jirriżulta li l-kawżali addotta mill-attur mhux provata, u verament, allavolja ma nħareġ ebda kontro-mandat imħabba li l-mandat m'għadux effettiv, id-debitur jista' jitlob li dan jinħareġ (artiklu 839 (1) ibidem) u l-kreditur ma jistax jitlob iżjed prorogi tal-mandat iżda, jekk jidhirlu opportun, jitlob mill-ġdid li jinħareġ mandat ieħor. B'dana kollu, speċjalment li fit-trattazzjoni orali ssemma wkoll l-animu tal-konvenut, kreditur fil-kawża l-oħra, meta ħareġ il-mandat odjern, hu utili li jiġi osservat li l-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabbilità tal-kreditur stess (artiklu 832 ibidem) u hija l-fehma ta' dan li għandha tiġi mħarsa dwar dak li jidhirlu jifforma kawtela suffiċjenti tal-kreditu tiegħu purchè ragionevoli: huwa magħruf il-prinċipju, f'dina l-materja, li l-kreditur jista' jakkumula l-atti kawżjonali previsti mil-liġi u dan jiddependi proprju minn dak li hu jaħseb utili għall-interess tiegħu f'limiti ġusti. Kwantu għall-ħsieb tal-konvenut fil-każ preżenti dwar il-garanzija offerta mill-"yacht" in kwistjoni, ikun superflu kull komment meta wieħed jirrifletti li hu ma baqax jitlob il-proroga tal-mandat li qabel kien talab li ħareġ fuqu; fil-fatt dan jirriżulta mix-xhieda ta' l-attur stess li jinsab immobilizzat u għad għandu bżonn ta' riparazzjonijiet; jekk joffri garanzija fl-istat li hu kif f'ċerta miżura żgur joffri, ma

jistax jingħad li saret xi prova konkludenti, u ebda offerta ta' prova simili ma saret mill-attur, li dina l-garanzija tkopri għal kollox u neċessarjament il-pretensjoni tal-kreditur. Ma jidhirx li sar xi tentattiv li fuq l-istess bastiment isir self biex ikun jista' jsir id-depożitu, jew bis-saħħa tiegħu tingieb mod iehor garanzija ħalli, skond il-liġi proċedurali (artiklu 833 (2) u 873 (2)), l-attur jottjeni li jitneħħa l-mandat ta' impediment tas-safar tiegħu stess; dan iżjed jikkonforta milli jnaqqas mill-idea li l-konvenut għandu ta' l-istess bastiment; ma jistax għalhekk jingħad li l-konvenut agixxa malizzjożament meta talab il-ħruġ ta' dana l-aħħar mandat.

Għal dawna l-motivi:

Il-Qorti tiċħad id-domandi attriċi — bl-ispejjeż kontra l-attur.